# Il-Ġrajja Stramba tal-Esej bil-Malti

Adrian Grima

Minkejja li ma tantx nitkellmu fuqu, l-esej bil-Malti jeżisti. Kultant jitfaċċa bla mistenni qisu tifel tal-iskola li jidħol fi klassi ġdida f'nofs ta' sena, u mbagħad jerġa' jgħib qabel ma jilħqu jidrawh l-istudenti l-oħrajn, speċjalment in-novella, ir-rakkont awtobijografiku, u l-artiklu. Meta jogħsfor sħabu jistaqsu min kien u fejn mar imma malajr jinsewh.


LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

MARZU 1938 ] IT-TMIEN SENA [ Għadd 85

L-ESSAY
U L-LETTERATURA TAGĦNA

Ix-xejra taż-żmien titbiddel, u magħha titbiddel l-imġiba tal-bniedem lejn id-dinja ta' madwaru, l-aktar ta' l-artista li jħoss aktar mill-bniedem tal-kotra. Dan it-tibdil isir ftit jew wisq fil-fehmiet ta' kull bniedem, u ta' kull ġens, kbir u żgħir. Jistgħu l-fehmiet u d-drawwiet ikunu tajba u flokhom, jixirqu lill-poplu intellettwali, imma meta jagħmlu żmienhom ikollhom igħibu taħt il-ħerba tas-snin biex fehmiet u drawwiet oħra jieħdu mkienhom. Dak li kienu jħossu, jifhmu u jagħmlu n-nies tas-seklu li għadda, ma nħossuhx, ma nifhmuhx u ma nagħmluhx aħna. Hi ċara daqs il-kristall li dinjietna qiegħda tgħix ħajja li ma għexuhiex niesna ta' tletin sena ilu.

Dan il-bdil fl-arti, l-iżjed fil-letteratura, juri bħalkieku f'mera l-bdil ġewwieni—it-taqlib tal-bniedem modern—tas-seklu għo-xrin. Il-ħajja letterarja ta' kull pajjiż għaddiet minn taqlibiet ħorox: tqallbet il-kitba, tbiddel l-istil, tħawdu l-fehmiet, u kitba, stil u fehmiet issewwew u reġgħu tgħawġu għal mitt darba, u għal mitt darba mill-ġdid qamu fuq tagħhom.

Ma nibżgħux mit-taħwid. Dan minn awl-id-dinja. Dan isir ma' kull żmien. It-taqliba li minnha għaddej il-Malti l-lum tfisser li mexjin 'il quddiem. Il moħħ individwali ta' ħafna kittieba qiegħed jaħdem fuq ħafna fergħat u jinfirex fuq bosta xogħlijiet. Fid-dawl ta' ħsiebna hemm idijal wieħed, u ġo qalbna mħabba waħda: il-ġieħ ta' lsienna.

L-għajnejn ta' Mikiel Anton Vassalli, li nifdu ċ-ċpar taż-żmenijiet, ma tqarrqux. Hu waħdu li, iżjed minn 120 sena

Nafu mix-xogħol ta' Jessica Micallef li l-esej jissemma b'ismu, ngħidu aħna, f'*Leħen il-Malti* tas-snin tletin tas-seklu l-ieħor meta Ġużè Chetcuti xandar artiklu fuq "L-Essay fil-Letteratura Maltija" (1938) biex jinkoraġġixxi d-dħul ta' dan il-ġeneru l-ġdid. Jissemma wkoll fis-snin ħamsin f'*Il-Malti* meta tnieda konkors tal-kitba tal-esejs biex jiċċelebraw l-inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II (Born u Chetcuti 46). Ġeneru "Ingliż" biex jiċċelebra l-Ingliżi.

Imma anki f'dawk iż-żminijiet bikrin, kien hemm kittieba gwappi bħal Ġużè Aquilina u Ġużè Cassar Pullicino (kienet l-epoka tal-Ġużejiet) li ħarġu ġabriet ta' esejs, bħalma għamel Cassar Pullicino bil-ktieb *Kelma Waħda Biss, u Kitbiet Oħra* fl-1965. Mhuwiex wieħed mill-kotba magħrufin ta' dan ir-riċerkatur kbir li ħareġ tant xogħlijiet importanti fuq l-istorja letterarja, il-folklor, u l-kultura popolari Maltija b'mod ġenerali. Fil-"Kelmtejn Qabel" tal-ewwel edizzjoni stampata fil-Veritas Press, u li dehret ukoll fl-edizzjoni tal-1973 li qrajt jien (maħruġa mill-Klabb Kotba Maltin u stampata fil-Union Press, wara l-edizzjoni tal-1971 stampata fil-Lux Press – anki l-kotba għandhom l-istejjer tagħhom), l-awtur jgħid li kiteb dawn "in-novelli, l-isketches u l-essays" f'dawk li jsejħilhom "l-intervalli ta' xogħol ta' tiftix u studji fuq ħwejjeġ iżjed serji" (Cassar Pullicino 3). Donnu ma jagħtix wisq dinjità lil dawn il-kitbiet, imma jgħid ukoll li ntlaqgħu tajjeb ħafna u għalhekk kellu joħroġ edizzjoni oħra. Fil-verità dawn il-kitbiet jikkumplimentaw sew ix-xogħol etnografiku li jimplika li kien iqisu bħala iktar serju. Jien narahom iktar bħala kontinwazzjoni milli bħala qtugħ.

## Karattri mnaqqxin

Ta' osservatur dejjem attent, intelliġenti u onest, Cassar Pullicino nnifsu jagħraf li bla ma ried, fil-kitbiet kollha li hemm fil-ktieb, anki fin-novelli u l-isketches, jitfaċċa "l-folklorista" li kien hemm ġo fih (3). "Il-karattri mnaqqxin" f'dawn il-kitbiet "huma kollha bnedmin li ltqajt

magħhom, nies tad-demm u l-laħam li sirt naf maż-żmien u li għożżejt bħala ħbieb imqar meta kienu nies ta' karattru dgħajjef jew mgħawweġ.” L-awtur jagħżel li jikteb fuq “rġiel u nisa umli, bla ebda pretensjonijiet żejda, imma qalbhom xorta waħda tħabbat bil-ġibdiet, bit-tqanqil u bix-xenqat li huma biċċa mill-ħmira tal-ħajja.” Kif jirrikonoxxi l-awtur innifsu, fil-kitbiet “tinħass bħal tnehida jew nota nostalġika għal dak li kien u spiċċa” (3), reazzjoni għall-isturdament li ġabet magħha modernità li nħasset mgħaġġla wisq. Il-konklużjonijiet ta’ ħafna mill-kitbiet jistrieħu proprju fuq din in-nostalġija li jħossu mhux biss il-karattri li jikteb fuqhom imma anki l-awtur. F'dan is-sens, il-paragrafi tal-aħħar, aktarx pjuttost qosra, donnhom mgħaħħlin, huma iktar “tmiem” milli “konklużjonjiet”: m’hemmx argumenti b'saħħithom fl-aħħar, m’hemmx riflessjonijiet jew rivelazzjonijiet importanti.

Il-kwistjoni li tinteressani l-aktar hawnhekk hija d-distinzjoni bejn it-tliet ġeneri ta' kitbiet li jsemmi l-awtur biex jiddeskrivi l-kontenut tal-ktieb għax ma jgħidilniex liema kitbiet jidħlu fil-ġeneri differenti. Meta taqrahom, it-tmienja u għoxrin li huma, iktar tara x-xebh bejniethom milli d-differenzi. Fl-istess ħin, mingħajr ma jiddikjara xejn, jidher li l-awtur ġabarhom wara xulxin b'ċertu ħsieb, mhux, ngħidu aħna, skont meta nkitbu. Donnu poġġa l-ewwel in-novelli, sensiela ta’ ritratti (jew sketches) ta’ karattri, tant li wħud minnhom tahom titli eponimi: “Salvu l-Baħħar,” “Lola,” “Nonny,” “Bianca,” “Irene,” “Il-Lixandrina,” “Gerita,” u Anġla tal-Ħelu.”




Il-qoxra tal-1973 iddisinjata mill-poeta Mario Azzopardi

Imbagħad jibdew dawk li aktarx kien qed jarahom bħala esejs: “F’Raħal,” “Mill-Ħajja Maltija,” “F'Karozzin,” “It-Triq Tagħna,” “Ġejt Noqgħod il-Belt,” “Għawdex – Tifkiriet,” “Meta Mort Għawdex bid-Dawra,” u “Fuq  Kemmuna”: għalkemm fihom ritratti ta’ bnedmin u postijiet, bħalma hemm fil-kitbiet l-oħrajn, u aneddoti li huma parti minn storja “ikbar,” m’hemmx

daqshekk l-element ta’ ġrajja li seħħet, kif jissuġġerixxu minnufih it-titli ta’ kitbiet bħal “Lejlet it-Tieġ,” “Bluha ta’ Mument,” u “Flimkien mill-Ġdid.” Mhux faċli tifred bejn in-novelli, sketches u esejs, fost l-oħrajn, għax ħafna drabi juża narrazzjoni omodijeġetika, vuċi fl-ewwel persuna li tirrakkonta. Ngħidu aħna l-kitba “Tgħanniqa Vojta” (1961), il-“jien” li qed ikellimna huwa l-awtur, jew narratur maħluq minnu biex jirrakkontalna l-ġrajja tal-ħabib tiegħu Harry? Mix-xeħta personali ta’ ħafna mill-kitbiet f’dan il-ktieb, nissuspetta li hu l-awtur “innifsu,” dak li sar jaf lil Harry “l-Ingilterra wara l-Gwerra” u saru ħbieb tal-qalb (49). Imma dan ir-rakkont jinsab fl-ewwel terz tal-ktieb, u għalhekk jista’ jkun li jrid jingħadd man-novelli, jew mal-isketches, li wkoll aktarx huma stejjer ta’ nies veri. L-istrateġiji u t-tekniki letterarji jużahom dejjem, bħal meta jikxef ġrajja jew kuntest bil-mod il-mod, jew juża l-imperfett, jew jinqeda bid-diskors dirett: il-letterarjetà ma jidhirx li tista’ tgħinna biex nagħżlu bejn ġeneru u ieħor.

Fl-aħħar tal-ktieb jirrakkonta l-vjaġġi tiegħu l-Ewropa. Għandhom xeħta iktar personali mill-oħrajn, mhux biss għax huma djarjistiċi imma anki għax iħoss inqas il-ħtieġa li jiddokumenta l-Malta u Għawdex ta’ madwaru: f’“Meta Sifirt l-Ewwel Darba” jirrakkonta l-vjaġġ tiegħu f’St. Moritz, l-Iżvizzera, u l-ewwel esperjenza tiegħu fuq ajruplan. Il-kitbiet l-oħrajn huma ambjentati fl-Ingilterra, fejn kien mar jistudja għal sena u nofs, bejn Diċembru tal-1949 u Awwissu tal-1951, bl-għajnuna tal-British Council: “Żewġ Ħarġiet f'Yorkshire,” “Meta Wasalt fil-Lake District,” u “Kemm Domt l-Ingilterra – Siltiet minn Djarju.” Din l-aħħar kitba hija letteralment ġabra ta' kitbiet minn djarju, bid-dati b’kollox. Jibda n-nota tal-5 ta’ Frar 1950, ngħidu aħna, bil-kliem: “Kelmtejn bil-ġirja għax mgħaġġel,” bl-immedjatezza li tistenna minn kitba ta’ din ix-xorta. Imma dawn is-“Siltiet mid-Djarju li kelli nikteb” dwar iż-żmien tiegħu l-Ingilterra huma miżgħuda b’riferimenti għal Malta, il-Maltin u l-kultura Maltija. Hemm il-vjaġġatur li qed jiskopri mkejjen ġodda fl-Ingilterra imma hemm ukoll l-istudjuż li qed jistenna bil-ħerqa kopja tal-ktieb *Studji Kritiċi Letterarji* ta’ Ġużè Aquilina (1950) ġejja bil-posta minn Malta (127-28) u mbagħad jaqrah “f’nifs” meta jasal (131) u jagħmel faċċata u nofs jitkellem fuq Malta u l-kitbiet u l-istudji li jixegħlulu moħħu u jimlewlu qalbu.
Fil-kitbiet “esejistiċi” fit-tieni parti tal-ktieb, biex nuża t-terminu li laqqagħni l-iżjed miegħu l-kollega u ħabib Mario Aquilina, sikwit hemm kwotazzjonijiet mix-xogħlijiet magħrufin ta' awturi Maltin u barranin, jew mill-kultura orali popolari. Din hija karatteristika magħrufa tal-esej. Għax waqt li l-esej, jew l-esej “personali,” jistrieħ sew fuq il-vuċi identifikabbli li qed tirrakkonta, jiġifieri tal-awtriċi jew l-awtur, jistrieħ ukoll fuq ir-riċerka, fuq l-għarfien. Michel de Montaigne (1533-1592), li bosta jqisuh bħala l-ewwel imgħallem tal-ġeneru tal-esej letterarju kif qed nitkellmu fuqu, jimla l-esejs tiegħu bi kwotazzjoni wara l-oħra, ġieli f'nofs sentenza, mill-awturi klassiċi Rumani. Minn banda jinsisti mal-qarrejja li fl-aħħar mill-aħħar qed jikteb fuqu nnifsu: “And therefore, Reader, I myself am the subject of my book: it is not reasonable that you should employ your leisure on a topic so frivolous and so vain” (*Drawn from Life* xxii). F’dan is-sens, ifakkarna fil-kumment ta’ Cassar Pullicino dwar l-esejs tiegħu bħala tbegħid għal ftit minn xogħol ta’ kitba u riċerka iktar serju. Montaigne jinsisti li l-istampa li jagħti tiegħu nnifsu fl-esejs tirrifletti r-realtà mikxufa: “Here I want to be seen in my simple, natural, everyday fashion, without striving or artifice: for it is my own self that I am painting. Here, drawn from life, you will read of my defects and my native form so far as respect for social convention allows. . .” Mill-banda l-oħra, jurina li meta jitkellem fuq temi kbar bħat-tul tal-ħajja, il-poter, jew l-għira, mhux qed jistrieħ biss fuq dak li jaqgħalu f'rasu, imma anki fuq l-awtorità tal-awturi u l-għorrief il-kbar tal-qedem.

L-għarfien ta’ Cassar Pullicino tal-kultura orali popolari u tal-letteratura Maltija u internazzjonali jidher sew matul il-ktieb tiegħu, imma speċjalment meta jkun qed jitkellem fuq esperjenzi ftit iktar personali. Il-vuċi narrattiva ma nistgħux ngħidu li qed “tintervjeni,” bħalma jiġri fin-narrattiva letterarja, għax hanwhekk sikwit għandha kontroll sħiħ fuq dak li qed jiġi rrakkontat u qajla titlaq il-kontroll tar-rakkont minn idejha, għajr biex tagħtina siltiet qosra ta' diskors dirett minn xi karattri. Dejjem qed jirrakkontalna Ġużè Cassar Pullicino, jew aħjar il-leħen vuċi narrattiv li joħloq fl-ewwel persuna, jiġifieri f'ismu bħala l-awtur.



Ħdejn ħafna xogħlijiet fit-tradizzjoni internazzjonali tal-esej, dawn il-kitbiet f'*Kelma Waħda Biss* huma pjuttost qosra. Nikkalkula ma fihomx iktar minn elf jew elf u ħames mitt kelma. Jeżistu esejs ta' kull daqs fit-tradizzjoni internazzjonali, imma aktarx uħud mill-iktar magħrufin huma itwal minn dawn il-kitbiet ta' Cassar Pullicino. Dan l-aħħar reġa' ġie f'idejja ktieb bil-kitbiet ta' George Orwell li kont għoddni nsejt li kelli. L-ewwel kitba hija l-esej magħruf tiegħu “Shooting an Elephant,” ippubblikat fl-1936, erba' snin biss qabel uħud mill-kitbiet f’*Kelma Waħda Biss*. L-esej (stupend) ta' Orwell fih iktar minn 3200 kelma, iktar mid-doppju tal-esejs ta’ Cassar Pullicino. Minħabba t-tradizzjoni b’saħħitha tal-esej li fiha kien qed jikteb u jinkiteb, Orwell aktarx kien iqis l-esej bħala xogħol “serju” daqs kitbiet oħrajn minn tiegħu, u t-tul tah il-wisa’ li jirrifletti fuq il-ġrajja personali li jirrakkonta u janalizza. Mill-ewwel tħoss li qed jinvesti l-enerġija mentali u emozzjonali kollha tiegħu. Fl-istess ħin il-kitba tinqeda bl-istrateġiji letterarji li tistenna minn esej fi tradizzjoni meqjusa, qabelxejn, bħala “letterarja.” Fl-esejs ta' Cassar Pullicino nħossiktar is-sens ta’ awtur li jrid juża Malti idjomatiku u korrett, ta' etnografu li fil-lingwa għandu l-għodda ewlenija biex jiddokumenta l-kultura orali Maltija.

Fl-istess żmien li fih Cassar Pullicino kien qed jikteb l-esejs tiegħu li jidhru f’*Kelma Waħda Biss*, żewġ awturi magħrufin u rispettati, Wistin Born u Ġużè Chetcuti, taw dik li tista’ titqies bħala d-definizzjoni tagħhom ta’ esej tajjeb. Kitbuha fir-“Rapport tal-eżaminaturi fuq il-konkors ta’ essays dwar Malta u l-inkoronazzjoni tal-maestà tagħha r-Reġina Eliżabetta II” fl-1953 imniedi mill-Kumpannija tar-Rediffusion bil-għajnuna u l-kooperazzjoni tal-“Għaqda tal-Kittieba tal-Malti,” rapport li sirt naf bih bil-ħila ta’ Jessica Micallef. L-eżaminaturi jgħidu li fl-evalwazzjoni tal-31 kitba li daħlu għall-konkors, u li ntrebaħ minn Ġużè Orlando Smith, imxew fuq numru ta’ kriterji: “Ideat u immaġinazzjoni; oriġinalità u rabta artistika fit-trattament tas-suġġett; stil u sengħa tal-kelma.” Born u Chetcuti, promotur bikri tal-esej, jiktbu li

> Kitba tajba tingħaraf mill-kwalità tal-ideat li l-kittieb jagħraf jagħti lix-xogħlijiet tiegħu, bħalma wkoll mill-immaġinazzjoni li biha jittrasforma l-ħsibijiet u s-sentimenti tiegħu u jagħtihom libsa li ssebbaħhom u, għalhekk, jingħoġbu aktar. Iżda mal-ideat u l-immaġinazzjoni, l-awtur irid jagħraf jagħti trattament oriġinali lis-suġġett, trattament li fih tinħass qawwija l-personalità u l-individwalità tiegħu ta’ kittieb. (47)

Iż-żewġ membri tal-ġurija jimplikaw li għalihom, “il-kwalitajiet letterarji li jifformaw l-essay” huma l-kwalità tal-“espressjoni letterarja,” jiġifieri “l-istil” u “s-sengħa tal-kelma;” l-użu korrett u sabiħ tal-“kelma u l-idjoma Maltija;” il-ħtieġa li l-esej iwassal “is-sentimenti tagħhom” dwar is-suġġett; il-ħila li l-esejisti jinqdew bl-immaġinazzjoni huma u jiddiskutu “suġġett hekk

profond u interessanti;” l-espressjoni tal-“bażi kulturali sħiħa” tal-kittieba “li tagħti lewn, qawwa u ħajja lill-kitba;” “is-sensibiltà meħtieġa li ġġagħalhom jinterpretaw b’sens fin il-ġrajjiet” li jkunu qed jiktbu fuqhom; u għarfien tajjeb tas-suġġett jew il-ġrajjiet diskussi (46-47). Fl-aħħar paragrafu tar-rapport, il-membri tal-ġurija jinsistu li ħafna mill-kittieba li daħlu għall-konkors mhumiex “imrawma biżżejjed fis-sengħa tal-kitba u fil-qari ta’ awturi Maltin u barranin” (47). Biex jiktbu tajjeb, l-esejisti Maltin jeħtieġ li jkollhom (dan huwa l-verb li jużaw) “studji profondi tal-letteraturi barranin.” Jista’ jkun li kienet l-influwenza tal-esejs barranin li kellha bżonn il-letteratura bil-Malti biex tagħraf is-siwi ta’ dan il-ġeneru u tibda tesperimenta bih.

## Il-Bżonn tal-Esej

L-esejs li bdew jidhru fil-ġurnal virtwali *Aphroconfuso* f’Mejju tal-2023 naħseb li qed joffru viżibilità u aċċessbilità li l-esej bil-Malti għadu qatt ma kellu. Ma jidhirlix li qatt kellna rivista li tippubblika l-esejs regolarment, bid-dikjarar. U ma jidhirlix li qatt kellna id li rabtet lilha nfisha mal-kitba tal-esej bħalma qed tagħmel dik ta’ Omar N’Shea. Hemm awturi oħrajn f’dan il-ġurnal immexxi minn Loranne Vella u Joe Gatt, imma N’Shea donnu diġà ħoloq tradizzjoni bil-ħames kitbiet tiegħu mnebbħin mis-sit arkeoloġiku “mitluf” ta’ Bur Mgħeż u mix-xena Queer li jirrakkonta f’żewġ esejs oħrajn. Element ieħor li jagħti viżibilità lill-esejs ta’ N’Shea huwa l-fatt li hemm recordings tiegħu jaqra ħafna minnhom fuq is-sit stess ta’ Aphroconfuso u fuq Spotify u mezzi oħra. Jekk ma taqbadx il-passjoni li għandu għal dak kollu li jikteb mill-kitba nfisha, taqbadha żgur mill-vuċi, li għandha l-estetika partikulari tagħha.

aphroconfuso.mt/

Fit-tieni poddata fis-sensiela ta’ “Noti Editorjali” fuq *Aphroconfuso*, N’Shea jitkellem ma’ Loranne Vella u Joe Gatt fuq il-kitba ta’ Bur Mgħeż, fuq kif xprunawh biex minn sensiela ta’ noti tekniċi miktubin bl-Ingliż tipiku tad-dinja akkademika kontemporanja joħloq esej, jew sensiela ta’ esejs. Il-ħames esejs ta’ Bur Mgħeż li ħarġu s’issa huma xhieda tal-format “il-ġdid” bil-Malti li naħseb li introduċa *Aphroconfuso*: Kitba personali, li ma tagħmel ebda sforz biex taħbi l-personalità tal-vuċi li qed tikteb, anzi tagħtiha prominenza; kitba riċerkata, anki dwar suġġetti pjuttost tekniċi, bħal fil-każ tal-arkeoloġija, jew l-istorja ta’ sit arkeoloġiku; kitba narrattiva, li tirrakkonta storja minkejja li mhijiex rumanz jew novella, imma tinqeda b’aneddoti, stejjer, inċidenti, li jagħtuna s-sens qawwi ta’ ġrajja li qed isseħħ quddiemna; kitba li tmiss mal-attwalità, anki meta titkellem fuq sit arkeoloġiku li nkixef fl-1911 u m’għadux

jidher, bħal fil-każ ta' Bur Mgħeż; kitba letterarja, li tinqeda bl-istrateġija, bil-lingwaġġi u bl-għodod retoriċi tal-letteratura; kitba li trid tesplora, tfittex, tikxef, tinħasad, iddur lura, kitba li mhix ċerta fejn se tasal, li teħodna magħha, titgħarwen quddiemna, forsi anki tiskandalizzana, għax il-vuċi tagħha fraġli u dgħajfa, bħal dik ta' kull bniedem u bniedma; kitba riflessiva, li trid tgħarbel, tiddubita, tifhem, tirrifletti fuq il-kwistjonijiet il-kbar li jitturmentawna, li tfittex ir-risposti anki bnadi oħra, fost il-filosfi l-kbar, fost in-nies komuni li ngħixu magħhom, u tirrikonoxxi li aktarx ebda waħda minnhom, minn dawk ir-risposti, mhi l-unika risposta tajba, jew mhi tajba waħedha, li saħansitra ebda waħda minnhom ma tista' tkun tajba.

Fil-kumment introduttiv tiegħu fuq għażla ta' esejs ta' Montaigne (2016), li kienu spiċċaw fl-Indiċi tal-Kotba Pprojbiti mill-Vatikan bejn l-1674 u l-1858 (xx), l-awtur Tim Parks jgħid li l-kitba tal-awtur Franċiż "tiddiżorjentana." Għax waqt li mill-ewwel tiġbidna lejh u tibni relazzjoni magħna għax inħossu l-vuċi intima tal-awtur, xi ħaġa li aktarx norbtuha mal-modernità, fl-istess ħin m'għandniex idea fejn sejra dik il-vuċi, u għalfejn (viii). U jfixkluna wkoll il-mijiet ta' kwotazzjonijiet li jagħtina mill-kitbiet ta' Ruma tal-qedem, strateġija li tbegħedna mill-modernità. Naħseb li l-istorjografija metikoluża ta' N'Shea fl-esejs ta' Bur Mgħeż, u l-fatt li jħallatha, mingħajr ma jippreparana jew jispjegalna għalfejn, mal-esperjenza għalkollox personali tal-marda u l-mewta t'ommu, tiddiżorjentana wkoll, u ġġegħelna nistaqsu għaliex, ngħidu aħna, ir-"rakkont" li kellna nisimgħu spiċċa analiżi akkademika ta' dokumenti uffiċjali u sorsi primarji u sekondarji oħra.

Il-vuċi tal-esejista hija b'saħħitha, tingħaraf, aktarx memorabbli, imma ma tfittixx li timponi twemmin jew morali, anki jekk twemmin u morali għandha żgur. Ngħidu aħna, il-vuċi ta' Omar N'Shea hija profondament antiimperjalista u antikolonjalista, imma ma tippruvax tostor, jew tgħawweġ, jew tiċħad l-ġid li għamlu l-uffiċjali tal-potenza kolonjali, jew ix-xjenzati tagħhom. Il-kitba tal-esejs ta' Bur Mgħeż jidher li kienet xprunata mill-ħeġġa editorjali ta' Vella u Gatt, u dan huwa xhieda, għal darb'oħra, li l-aqwa kitba tista' tkun ir-riżultat ta' okkażjoni, ta' mument li fih jiltaqgħu l-istilel kollha meħtieġa. Imma dawn l-esejs huma wkoll, jew qabelxejn, espressjoni ta' bżonn, il-bżonn ta' ġabra ta' noti li jfittxu spjegazzjoni, li jingħaqdu flimkien f'konfoffa, li jsiru rakkont. U s-suġġett tar-rakkont huwa Bur Mgħeż daqskemm hu l-vjaġġ personali ta' Omar N'Shea, u l-kolonjaliżmu Ingliż, u l-indifferenza tagħna lejn il-patrimonju arkeoloġiku tagħna, u s-senswalità tal-ġebla tal-franka, u x-xogħol fil-barrieri, u tant affarijiet oħra. Hemm "storja" waħda li fiha għaddejjin ħafna stejjer maġenb xulxin, fuq xulxin, wara xulxin, ġo xulxin. Din mhix l-istorja, f'xi sitt paragrafi, tat-triq tagħna: għax waqt li t-tul mhux bilfors jgħidilna iżjed affarijiet mill-qosor, żgur li għandu l-potenzjal li jgħidilna iżjed. Għalhekk, l-għażliet konxji jew inkonxji ta' Ġużè Cassar Pullicino u Omar N'Shea għandhom konsegwenzi kbar għal dak li kapaċi jagħmlu l-esejs tagħhom.

Meta staqsejtu fuq meta nibet l-interess tiegħu fl-esejs, Omar qalli li beda ferm qabel ma beda jikteb fuq *Aphroconfuso*. Imma qalli wkoll li dan huwa suġġett li qed jikteb fuqu u li jixtieq jesplorah sew. Kieku ma inzertajtux waqt attività li fiha suppost konna qed insegwu xi ħaġa oħra; kieku ma ntfajtx bilqiegħda maġenbu bl-esejs tiegħu għadhom friski f'moħħi; u kieku ma staqsejtux, b'mod dirett, dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-esej, naħseb li xorta waħda kont nasal għall-konklużjoni, aktarx bħal qarrejja oħrajn, li dan huwa ġeneru li jafu sew. Għax jinħass. Il-kitbiet tiegħu huma twal wisq, mibnijin tajjeb wisq, maħsubin wisq, biex ikunu kumbinazzjoni, esejs "letterarji," kif isejħulhom Vella u Gatt, jew "personali," kif aktarx kieku jsejħilhom Mario Aquilina. Il-mudell jinħass. Bil-varjazzjonijiet tiegħu, naturalment, imma jinħass.

## Dejjem Hemm Storja x'Tirrakkonta

F'din l-istorja tal-esej bil-Malti, Aquilina naħseb li għandu sehem importanti. Għalija żgur. Fl-10 ta' Ottubru 2017, seba' snin ilu, Mario bagħatli email. Qalli li kien qed jaħdem fuq konferenza internazzjonali f'Malta li kellha ssir għall-ħabta ta' April 2019 u s-suggett kien "The Essay: Present Histories and Present Futures." Qalli li kien qed jaħdem fuq is-sejħa pubblika, imma sadattant xtaq ikun jaf jekk suġġett bħal dan setax jinteressa lil "min jistudja l-Malti." U kompla jispjega: "Fi kliem ieħor, dik li nsejħu 'essay' (ġeneralment 'personal or familiar essay' li tmur lura għal Montaigne, Hazlitt, Lamb, Woolf, Orwell etc) għandha relevanza għal-letteratura u kitba Maltija? Għandna 'essayists' ta' importanza fil-fehma tiegħek?" Jien xtaqt ħafna li nibdew dan id-diskors fuq l-esej bil-Malti, imma la jien u lanqas ħadd minn dawk li kellimt ma kellu l-ħin jaħdem fuq dan is-suġġett. U l-opportunità ntilfet. Lil Mario semmejtlu esejisti bħal Ġużè Aquilina u l-ġabriet tiegħu *Madwar il-Ħajja*, imma l-mistoqsija tiegħu baqgħet issus warajja, sakemm fil-bidu tal-2021 Jessica Micallef għażlet li tikteb il-proposta tad-dottorat fuq dan is-suġġett u bdiet ir-riċerka bis-serjetà. Għalkemm id-diskussjoni dwar l-esej bil-Malti waqt il-konferenza internazzjonali kbira li organizza Mario ma saritx, fija u f'nies oħrajn qanqal interess, bl-għarfien u l-entużjażmu tiegħu, f'dan il-ġeneru. Imbagħad, għax Mario m'għandux kwiet, u dak li jkun jixtieq jagħmel, iħobb jagħmlu ma' ħaddieħor, fid-19 ta' Mejju 2022 bagħatli email bit-titlu, "EU Project Idea on the Essay." Trid tkun Mario Aquilina biex toħlom li l-Unjoni Ewropea se tagħtik il-flus biex tagħmel proġett internazzjonali fuq l-esej.







F'nofs Settembru, ftit tal-jiem ilu, morna Ghent għall-ewwel laqgħa wiċċ imb wiċċ ta' dan il-proġett sabiħ li ħolom bih, fasslu, iddiskutih ma' ħafna nies, u kitbu Mario. Essays Beyond Borders. Għadu sal-lum sorpriż kif proġett ta' tliet snin fuq l-esej, "fuq l-esej!," irnexxielu jikseb fondi Ewropej. Qed naħdmu flimkien ma' kollegi mill-universitajiet ta' Ghent, Groningen, u Pisa, u mal-għaqda tal-awturi Sloveni, kollha b'interess u għarfien kbir tal-esej fil-letteratura tagħhom, u fil-letteratura fl-Ewropa u fl-Istati Uniti. Għalija kien kors intensiv ħafna fuq l-esej u l-kollegi għenuni biex nibda nara b'mod ftit iktar ċar il-konfini sfumati

tal-esej letterarju skont firxa sħiħa ta’ tradizzjonijiet u possibilitajiet. Għall-intervent tiegħi kelli l-ħsieb li nkompli nibni fuq preżentazzjoni li għamilt dwar “Imagining the Essay in Maltese” fil-laqgħa virtwali li kellna f’April, b’attenzjoni speċjali fuq *Kelma Waħda Biss* bħala test ewlieni ta’ riferiment, u fuq *Aphroconfuso* u l-esejs ta’ Omar N’Shea bħala ħjiel tal-mergħat ġodda li kien qed jimmaġina, u jibda jsawwar, l-esej il-ġdid. Kelli d-diskors ta’ tliet kwarti ftit jew wisq miktub. Kont naf mill-programm li l-ewwel ġurnata tal-laqgħa-konferenza kienet se tibda fid-disgħa ta’ filgħodu u tispiċċa fl-għaxra ta’ billejl, imma deherli li kelli biżżejjed ħin biex, lura fil-B&B, nikteb il-konklużjoni tad-diskors skont dak li nkunu ddiskutejna fl-ewwel jum ta’ ħidma.

Imma iktar ma bdejt nisma’, iktar bdejt nirrealizza li kien hemm ħafna iktar potenzjal fil-materjal Malti li kont qed nanalizza. U t-titlu sar, “Hiding in the Open: The Short Story of the Essay in Maltese.” L-ewwel parti tat-titlu hija serq sfaċċat mit-tiitlu tal-esej ta’ N’Shea “Bil-Moħbi fil-Beraħ.” L-esej titkellem fuq il-persuni gay li kienu jħufu fil-ġnien tal-Gżira, pajjiżi, dik li għalija fi tfuliti kienet il-yacht marina, bejn is-snin tmenin u l-mument meta l-awtoritajiet iddeċidew li jifqgħu l-ġnien bid-dwal. L-esej jibda bl-atmosfera surreali fil-Ġnien meta fost il-komunità fil-bidu ta’ Frar tal-1998 ġriet l-aħbar li kien inqatel l-istilista tax-xagħar Alfie Rizzo. N’Shea jinqeda b’din il-lejla mhux tas-soltu biex bil-mod il-mod jispjega dak li kien jiġri s-soltu meta, wara li l-ġenituri bit-tfal jerħulha lejn id-dar u jaqa’ d-dlam, jibdew jinġemgħu fi spazji differenti tal-ġnien, fid-dawl jew fid-dlam tas-siġar, jew madwar il-ġnien, ftit ’il bogħod jew fil-karozzi, l-irġiel li riedu jiltaqgħu ma’ sħabhom, jew jgħabbu, jew jinħabbu. Ma’ nżul ix-xemx il-Ġnien, b’xi mod, kien isir tagħhom, spazju protett, post fejn setgħu jġibu ruħhom kif jixtiequ, mingħajr ma jħossu l-ħtieġa, jew id-dover, jew l-obbligu li jġibu ruħhom kif iridhom ħaddieħor. Għalhekk “fil-beraħ,” imma “bil-moħbi.” U f’dak is-soltu dejjem kien hemm il-periklu ta’ ronda mhux tas-soltu, jew spiji li setgħu jkissrulek żwieġ, jew karriera. Imma l-esej ta’ N’Shea mhuwiex sempliċiment dokument storiku, interpretazzjoni personali ta’ spazju pubbliku jew ta’ komunità eteroġenja; mhuwiex tentattiv biex tinkiteb l-istorja mhux magħrufa ta’ komunità li kellha taħbi, ħafna drabi, l-umanità tagħha. L-esej jirrifletti fuq ħafna affarijiet u jqanqal mistoqsijiet kbar. Il-qtil innifsu ma jiddiskutihx: jgħid biss li l-ewwel reazzjoni fil-komunità gay kienet li kien att omofobiku. Imma jieqaf hemm, għax dik il-lejla tagħtih l-opportunità li jibda jirrakkonta *in medias res*, kif ta’ spiss jagħmlu l-esejs, dak li kien jibqa’ moħbi.

F’waħda mis-sessjonijiet li kellna fl-ewwel ġurnata tal-laqgħa-konferenza, flimkien ma’ għadd ta’ awturi u akkademiċi mistednin mill-Belġju ddiskutejna fost l-oħrajn dak li ħafna jarawh bħala l-obbligu tal-esej li jirrakkonta l-verità, jew forsi aħjar li jfittex il-verità. F’dak il-kuntest issemmiet it-tensjoni bejn it-tiftix tal-verità u l-espożizzjoni tal-fatti. Kien hemm min sostna, bir-raġun, li l-elenku tal-fatti mhux bilfors iressaqna lejn il-verità, jew almenu lejn verità. Imma ntqal ukoll li diffiċli tfittex il-verità mingħajr ma tinqeda bil-fatti. L-insistenza fuq il-funzjoni tal-esej bħala ġeneru li jittrażmetti l-fatti u jesplora l-verità rajtha sinifikattiva: ikolli ngħid li qatt ma kontx xħett dan il-piż fuq spallejh. L-esejs ta’ N’Shea, speċjalment dawk fuq Bur Mgħeż, hekk jagħmlu: ifittxu bla ħniena, bla nifs, il-fatti. Imbagħad dawk il-fatti jinterpretawhom fil-kuntest jew kuntesti li fihom seħħu, ngħidu aħna fil-kuntest ta’ poplu bla skola, jew kultura primarjament orali, jew fil-kuntest tal-kolonjaliżmu u l-imperjaliżmu Ingliż, u tal-politika partiġjana lokali. Hemm tidħol l-interpretazzjoni, it-tiftixa ta’ verità, imqar jekk tkun konxjament parzjali biex tpatti għan-nuqqas ta’ imparzjalità li kien hemm qabilha.

## Preżent li joħloq Passat

Jekk l-inviżibilità tal-esej fit-tradizzjoni letterarja Maltija hija, qabelxejn, kwistjoni ta' storja letterarja, jiġifieri tal-fatt li għażilna, konxjament jew inkonxjament, li ma narawx l-esej bħala ġeneru letterarju, jew bħala ġeneru fih innifsu, jista' jkun li l-viżibilità tal-esej fil-preżent (u fil-futur) tista' "toħloq" il-passat tiegħu. Fis-sens li l-għarfien tal-ġeneru jista' jġegħelna nqisu mill-ġdid ċerti kitbiet, anki dawk li ma sejħux lilhom infushom esejs, bħala esejs jew bħala kitbiet ta' xeħta esejistika.




F'dan il-kuntest, waħda mill-kwistjonijiet (antiki) li trid tħabbat wiċċha magħha r-rivalutazzjoni tal-istorja tal-esej bil-Malti hija dik tal-konfini bejn ġeneri differenti ta' kitba. Filwaqt li jidentifika tliet ġeneri ta' kitba fil-ktieb tiegħu *Kelma Waħda Biss*, Cassar Pullicino stess jammetti, impliċitament, li kien diffiċli għalih jistabbilixxi b'mod ċar liema huma n-novelli, l-esejs u l-isketches. Id-djarju nafu liema hu għax isejjaħlu b'ismu, imma l-oħrajn ma jsejħilhomx b'isimhom. Dan mhux każ uniku. Kif ridt nissuġġerixxi bit-tieni parti tat-titlu tal-preżentazzjoni tiegħi fl-Università ta' Ghent, 'A Short Story of the Essay in Maltese," l-istorja tal-esej bil-Malti hija wkoll l-istorja ta' ġeneru li tħabbeb sew mal-ġeneru tan-novella, jew mar-rakkont awtobijografiku qasir. F'dan is-sens, naraw minn kmieni l-laqta personali tal-esej bil-Malti. Fl-esejs ta' Omar N'Shea, din il-vuċi personali tikseb identità b'saħħitha, vuċi sikwit lirika imma wkoll kontrokurrent u polemikuża; vuċi fattwali u oġġettiva, kważi b'mod ossessiv, u fl-istess ħin għalkollox suġġettiva. Dikjaratament suġġettiva. F'dawn it-tensjonijiet ta' kontenut u forma, l-esej personali jew letterarju bil-Malti, għidlu li trid, għandu ħafna x'jirrakkonta.

## Referenzi


Born, Wistin u Ġużè Chetcuti. "Rapport ta' l-eżaminaturi fuq il-konkors ta' essays dwar Malta u l-inkoronazzjoni tal-maestà tagħha r-Reġina Eliżabetta II." *Il-Malti*, 1953, nru 2, 46-47.

Cassar Pullicino, Ġużè. *Kelma Waħda Biss*. Klabb Kotba Maltin, 1973.

Chetcuti, Ġużè. "L-Essay fil-Letteratura Maltija." *Leħen il-Malti*, 85, 1938, 1-3.

Montaigne, Michel de. *Drawn From Life: The Selected Essays of Michel de Montaigne*. Edited by Tim Parks. Notting Hill Editions, 2016.

N'Shea, Omar. "Bil-Moħbi fil-Beraħ." *Aphroconfuso*. Awwissu 2023.

—. "Bur Mgħeż #1. Ftit qabel dfint 'l ommi, mort infittex qabar." Settembru 2023.

Orwell, George. "Shooting an Elephant." *New Writing*, 2, Autumn 1936. The Orwell Foundation.

Parks, Tim. "Introduction," fi *Drawn From Life: The Selected Essays of Michel de Montaigne*. Edited by Tim Parks. Notting Hill Editions, 2016.


27 ta' Settembru 2024